




# Xbieha tat-Trinità Qaddisa fil-kwadru titulari tal-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema

*Mario Fenech*

Hija xi ħaġa komuni li fi kwadri b'suġġetti differenti f'ħafna knejjes ikun hemm ix-xbieha tat-Trinità Qaddisa. Niltaqgħu ma' numru kbir ta' kwadri li fihom ikun hemm ukoll ix-xbieha tal-Madonna, b'wieħed minn dawn ikun dak ta' fuq l-artal maġġur tal-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema.

Dan il-kwadru kien sar minflok ieħor li kien hemm qabel u li kien sar mill-artist Ġużeppi Bonnici. Ġie inawgurat nhar Sibt il-Għid tas-sena 1936. It-tpinġija saret mis-sorijiet Missjunarji ta' Marija f'Ruma li għall-istess knisja pinġew ukoll il-kwadru ta' fuq l-artal tal-Qalb ta' Ġesù.



Fil-kwadru naraw lill-Madonna bħala sultana bilqiegħda fuq tron sabiħ merfugħa 'l fuq minn sħab bajdani. Bilwieqfa fuq ħoġor il-Madonna naraw il-Bambin Ġesù b'idejh fuq qalbu u b'idu l-oħra merfugħa 'l fuq. Kemm fuq ras il-Madonna kif ukoll fuq ras il-Bambin Ġesù jidhru l-kuruni rjali mdawra b'dija bajda.

Ftit 'il fuq minn dan it-tron, naraw l-Ispirtu s-Santu fil-forma tradizzjonali ta' ħamiema bajda. Fil-parti ta' fuq ta' dan il-kwadru tidher il-figura imponenti tal-Missier Etern qiegħed ibierek din ix-xena mill-isbaħ filwaqt li qiegħed iżomm f'idejh dinja ta' kulur ikħal imserrħa fuq is-sħab bajdani. Madwar din il-figura tal-Missier Etern hemm numru ta' anġli żgħar iġorru simboli relatati mal-Madonna. Aktar anġli żgħar jidhru jittajru fis-sħab qegħdin jagħtu ġieħ lill-Madonna mal-ġnub tat-tron.

Fatt interessanti f'din it-tila ta' dan il-kwadru titulari hu li fil-parti ta' isfel tidher xena mill-isbaħ ta' kif kienet din il-parti ta' Tas-Sliema, fejn hemm il-limiti tal-parroċċa, lejn l-aħħar tas-snin tletin tas-seklu għoxrin. Din ix-xena tiddomina fuq il-knisja parrokkjali tas-Sacro Cour. Bosta djar u bini ieħor li jidher fit-tila llum sfortunatament m'għadux wieqaf għal żewġ raġunijiet: il-qerda bil-bombi tal-għadu fl-attakki mill-ajru waqt it-Tieni Gwerra Dinija u l-progress li seħħ matul dawn l-aħħar snin fejn dan il-bini tista' tgħid li spiċċa għalkollox.

Għalhekk dan il-kwadru huwa importanti ħafna għal din il-knisja. Jirrakkonta l-istorja tal-parroċċa filwaqt li jagħtina xena mill-isbaħ tas-Sultana tal-Qalb ħelwa ta' Ġesù qiegħda fuq it-tron taħt il-ħarsien tat-Trinità Qaddisa.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.